MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 2249/1998/1

**Santu Barbara**
**ammess biex jistitwixxi din il-kawza**
**bil-beneficcju tal-ghajnuna legali**
**b'digriet tal-24 ta' Awwissu 1998**

**vs**

**Andrew Scicluna**
**White Power Co. Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur tat-2 ta' Novembru 1998 li jghid hekk:

Billi l-attur ghamel xoghol tal-bini, inkluz il-provvista ta' materjal tal-bini fuq struzzjonijiet u ghall-beneficcju tal-konvenut.

Billi l-attur b'kollox kellu jithallas is-somma ta’ tlettax-il elf erba’ mija u hamsa u sebghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm13,475.26), u dan kif jirrizulta mill-kont tal-Perit Jesmond Mugliett datat 9 ta' April 1997 (Dok. A).

Billi l-attur irceva biss pagament wiehed akkont in konsiderazzjoni ta' dawn ix-xogholijiet, igifieri somma ta' sebat elef tliet mija u tlieta u ghoxrin lira (Lm7,323) kif jirrizulta mill-ircevuta datata 22 ta' Frar 1997 (Dok. B), liema ircevuta l-konvenut riedha tinhareg fuq White Power Co. Ltd.
Billi l-konvenut ghalhekk fadallu jhallas lill-attur bilanc ta' tmint elef mija u tlieta u sebghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm8,173.25).

Billi l-konvenut, ghalkemm gie interpellat diversi drabi, fosthom permezz ta' ittra ufficjali tat-30 ta' April 1997, baqa' inadempjenti u gab lill-attur f'qaghda finanzjarja prekarja.

Billi l-konvenut qed jinsisti li d-debitur tal-attur kienet is-socjeta White Power Co. Ltd., illi konsegwentement hija konvenuta f'din il-kawza.

Billi l-attur gie ammess ghall-beneficcju gratuwitu halli jkun jista' jipprocedi kontra l-konvenut a tenur tal-artikolu 915(1) tal-Kap. 12.

Ighidu l-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm8,173.25, bilanc ta' somma akbar dovuta lill-attur kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 tal April 1997/2 ta' Mejju 1997, tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2111/98 u tal-ittri privati tal-11 ta’ Settembru 1997, tas-26 ta' Settembru 1997, tas-27 ta' Awwissu 1998 u tat-28 ta' Settembru 1998, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' April 1997 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi Andrew Scicluna ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur peress illi l-ftehim sar mas-socjeta White Power Co. Limited kif jirrizulta mill-anness Dok. AS1, ghaldaqstant it-talba tal-attur kontra l-konvenut Andrew Scicluna ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Illi t-talba tal-attur fil-konfront tal-konvenut l-iehor is-socjeta White Power Co. Limited ma ghandhiex tigi milqugha ghaliex kif jirrizulta mill-anness Dok. AS2 is-socjeta konvenuta hallset aktar minn dak li hu dovut lill-attur tant li jifdal bilanc favur l-istess socjeta konvenuta fl-ammont ta' Lm1,047.92 u aktar kif ser jinghad aktar 'l isfel.

3. Illi kif jirrizulta mill-anness Dok. AS3 parti mix-xoghol ma sarx skond l-arti u sengha u jrid jinbidel.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ir-rapport peritali u nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-23 ta’ April 2013.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attur qed jitlob li jithallas bilanc ta’ prezz ghal appalt minnu maghmul lil konvenut personalment ghalkemm il-hlas akkont sar mis-socjeta konvenuta. Hu talab is-somma ta’ Lm13,475.26 eskluz il-VAT skond rapport ex parte tal-Perit tieghu Jesmond Mugliette a fol. 40 et seq. tal-process.

Il-konvenuti qed jirrispondu in linea preliminari illi l-ftehim tal-appalt sar mas-socjeta konvenuta kif jidher mill-ftehim fuq ir-rati ghax-xogholijiet li kellhom jigu ezegwiti a fol. 18 tal-process (Dok. AS1).

**Legittimu kontradittur**

Il-Qorti ser tissoferma ruhha ghalissa fuq dan il-punt. Id-dokument AS1 hu elenku ta’ rati ghal diversi xogholijiet ta’ kostruzzjoni li l-kontendenti jaqblu li giet iffirmata bejniethom fis-27 ta’ Ottubru 1996 ghalkemm l-attur ighid illi x-xogholijiet kienu ilhom li bdew u waslu ghal dan il-ftehim ghax l-attur insista. Ghalkemm l-attur jishaq li l-ftehim sar mal-konvenut personalment pero l-ftehim sar mill-kumpanija konvenuta u hlasijiet b’cheque esebiti fl-atti a fol. 229 et seq. tal-process jidhru li saru mill-kumpanija. Il-konvenut jixhed illi n-negozju sar mieghu ghax hu jirraprezenta l-kumpanija pero dejjem sar f’isem il-kumpanija. Hi l-fehma tal-Qorti li l-provi juru illi l-ftehim sar mal-kumpanija u ghandha tkun il-kumpanija li tirrispondi ghat-talbiet attrici u mhux il-konvenut personalment.

**Mertu**

Il-mertu tal-kawza hu wiehed semplici u t-tul li hadet din il-kawza hu ghal kollox ingustifikat u ingustifikabbli. Il-partijiet jaqblu dwar ix-xogholijiet li saru. Il-kont tal-Perit tas-socjeta konvenuta li jirraprezenta dak li hu dovut lill-attur hu ta’ Lm12,071.83 (Dok. AS4 a fol. 23 tal-process), liema ammont pero irid jonqos rizultat ta’ saqaf li l-istess Perit cioe Edwin Mintoff jiddikjara li mhux mibni skond is-sengha u l-arti (Dok. AS3 a fol. 22 tal-process).

Il-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti li vverifika z-zewg stimi u ha konjizzjoni ta’ dak kollu imqanqal mill-partijiet wasal ghal konkluzjoni li l-hlas li haqqu l-attur wara li wkoll ha in konisderazzjoni l-kwistjoni tax-xoghol hazin fuq is-saqaf hu ta’ €29,932.45 jew Lm12,850.

Il-Qorti ma ghandhiex raguni f’din il-materja teknika tiddubita mill-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-Perit

Tekniku aktar u aktar meta hadd mill-partijiet ma pprova jiddisturba l-konkluzjonijiet tieghu.

Jibqa' ghalhekk jigi deciz jekk l-attur fadallux bilanc dovut favur tiehgu. Hu jammetti illi s-socjeta konvenuta hallsitu Lm7,323 pero jishaq li l-bilanc mis-somma, skond kif ikkwantifikaha hu, ghadha dovuta.

Il-kontenzjoni tas-socjeta konvenuta hi illi ghamlet hlasijiet favur l-attur oltre dak li jista' jkun dovut lill-attur. Il-Qorti taghmilha cara illi mhix ser tidhol fi kwistjonijiet jekk is-socjeta konvenuta hix kreditur tal-attur ghaliex ma hemmx kontrotalba f'dan is-sens. Il-Qorti hi limitata bl-azzjoni, cioe jekk l-attur fadallux bilanc dovut favur tieghu mill-ammont likwidat mill-Perit Tekniku.

Is-socjeta konvenuta iggib bhala prova skrittura datata 27 ta' Ottubru 1996 cioe meta saret ukoll l-iskrittura fuq ir-rata tal-appalt fejn l-attur li ffirma l-istess skrittura ddikjara li hu ghandu jaghti lis-socjeta konvenuta s-somma ta' Lm4,940 ghal diversi oggetti elenkati fl-istess skrittura u li ghandu jhallas ghalihom bix-xoghol li kien ser jaghmel lis-socjeta konvenuta. Ghalkemm l-attur fix-xiehda tieghu jghid li ma jafx li ffirma din l-iskrittura (fol. 19 tal-process) pero jghid li ha l-affarijiet u illi l-prezzijiet bhal valur tat-trakk mhix realistiku.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn ghandha tiddubita minn dak li ffirma l-attur minghajr vjolenza jew qerq u minflok taghti piz lix-xiehda tieghu li fuq kollox ma ngiebet ebda prova soda dwarha. Il-kliem tal-iskrittura hunma cari u ma jhallux dubbju li l-ammont indikat fl-iskrittura cioe Lm4,940 ghandu jittiehed bhala hlas akkont ukoll ghal ta' dak li hu dovut lill-attur.

Is-socjeta attrici iggib ukoll prova b'cheques a fol. 229 et seq imhallsa mis-socjeta konvenuta lil attur riflessa fl-istatement a fol. 20 tal-process Dok. AS2 illi l-konvenut kien irceva Lm9,187 u ammont ulterjuri ta' Lm190.78 f'gebel. Fuq dawn is-somom l-attur jixhed illi jaqbel li ha l-materjal ta' gebel minghand il-konvenut (fol. 258 tal-process) u illi kien irceva cekkijiet akkont waqt li jsir ix-

xoghol (fol. 257 tal-process) u li kien jithallas mill-konvenut f'diversi pagamenti permezz ta' cekk (fol. 260 tal-process) ghalkemm ma kkonfermax l-ammont ghax qal li rrid jivverifikahom.

Ghalkemm hafna mic-cheques huma anterjuri ghall-iskrittura ta' Ottubru 1996 pero l-istess attur jixhed illi l-iskrittura tar-rati giet iffirmata xi sentejn wara li kien beda x-xoghol (fol. 260 tal-process) u l-ftehim tal-kitba sar ghax bdew jillitikaw.

Din ix-xiehda turi illi l-attur irceva hlasijiet ben oltre dak li qed jippretendi u ghalhekk jirrizulta li hu gie mhallas ghax-xoghol li ghamel u ma fadallu ebda bilanc dovut lilu.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Andrew Scicluna u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, qed tichad it-talbiet attrici billi ma jirrizulta ebda bilanc dovut lilu ghax-xogholijiet minnu maghmula.

L-ispejjez ihallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------